L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*
*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XV
DLG 18/2008

30 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 117/2011

## SKEMA NAZZJONALI TA' GĦAJNUNA GĦAL MIN HU FIL-BŻONN - AĠENZIJA GĦALL-PAGAMENTI, MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Dan il-*Memo* jikkonċerna **biss** lill-Kunsilli Lokali f'Malta. Għal dawn l-aħħar sitt snin, l-Aġenzija għall-Pagamenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (l-*MRRA)* qiegħda timplimenta l-Iskema Nazzjonali ta' Għajnuna għal Min Hu fil-Bżonn. Din tikkonsisti fi tqassim ta' prodotti ta' ikel mill-Unjoni Ewropea fil-Parroċċi u Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi bħal istituti, djar residenzjali u kunventi. F'Malta u Għawdex hemm bejn 22,000 u 24,000 persuna li qed jibbenefikaw minn din l-Iskema.

Preżentament, it-tqassim lill-Parroċċi u l-*NGOs* isir mill-imħażen li hemm fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, Ras Ħanżir, Kordin. Bħalissa l-parti l-kbira tat-tqassim isir billi l-Kappillani jew voluntiera jużaw mezzi personali jew anki jikru xi vann jew trakk. Dan jinvolvi piż finanzjarju li ma jiġix rimborsat mill-fondi tal-U.E.. Għalhekk qed nitlob l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali biex, fejn hu possibbli, jiġi provdut trasport (vann jew trakk b'sewwieq u xi *helper)* mill-Imħażen f'Kordin għall-parroċċi, istituti, eċċ fil-lokalità tal-istess Kunsill. Din l-attività ssir darba kull xahrejn u tinvolvi biss nofs ta' nhar filgħodu.

Kunsilli Lokali li jistgħu jgħinu fit-tqassim tal-prodotti huma ġentilment mitluba jikkuntattjaw lil:

Rev. Fr Saviour Grima
*Millennium Chapel Foundation*
Triq il-Knisja
Paceville STJ 3042
*Telephone* : 21354464, 21381172, *mobile* : 7961 7366
*Email* : fsg372@gmail.com , mceufoodaid@gmail.com.

biex ikun hemm *liaison* bejn il-parroċċa jew l-*NGO* u l-Kunsill Lokali dwar il-ġurnata tat-tqassim.

Importanti li żżommu lis-Sur Louis Caruana, uffiċjal inkarigat fl-Aġenzija għall-Pagamenti fl-*MRRA* - *telephone* 2292 4254 - *email* louis.caruana@gov.mt infurmat u kkupjat bl-arranġamenti li tagħmlu.

Kull għajnuna min-naħa tal-Kunsilli Lokali għandha sservi sabiex aktar nies jibbenefikaw minn din l-Iskema. Għalhekk inħeġġiġkom biex, fejn hu possibbli, l-Kunsilli Lokali jagħtu sehemhom fit-tqassim ta' dawn il-prodotti mill-Imħażen f'Kordin għall-parroċċi, istituti, eċċ fil-lokalità tal-istess Kunsill.



Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)